**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Marzu, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 319/2012 AF**

**Mobilja Gauci Limited (C-3155)**

**vs**

**Greentech Solutions Limited (C-47802)**

**CMP Services Limited (C-32719)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Mobilja Gauci Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti hi l-inkwilina tal-fabbrika KW 10, Qasam Industrijali, Kordin, liema fabbrika hi tikri minghand is-socjetà Malta Industrial Parks Limited.

Bi ftehim milhuq bejn is-socjetà rikorrenti u s-socjetà intimata Greentech Solutions Limited, intlahaq qbil li s-socjetà rikorrenti tivvaka mill-fabbrika KW 10, Qasam Industrijali, Kordin, sabiex minn din il-fabbrika tibda topera l-istess socjetà intimata Greentech, u ghal dan il-ghan is-socjetà rikorrenti tinghata hlas mis-socjetà Greentech ta' mitejn u sitta u hamsin elf Ewro mitejn u wiehed u tletin Ewro u sebgha centezmi (€256,231.07c) (ekwivalenti ghal Lm110,000).

Is-socjetà rikorrenti fil-fatt ivvakat mill-fabbrika msemmija f'Kordin skond dan il-ftehim milhuq, u minn din il-fabbrika qed topera s-socjetà intimata Greentech. Is-socjetà Greentech effettivament wettqet pagamenti akkont favur is-socjetà rikorrenti mis-somma ta' €256,231.07c maqbula u miftiehma, u fid-19 ta' Novembru 2011 kien ghad fadlilha thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma bilancjali ta' mija u tmintax-il elf Ewro (€118,000), skond ma jirrizulta mid-dikjarazzjoni emessa mill-istess socjetà intimata Greentech, li qed tigi annessa u mmarkata bhala Dokument A.

Fl-istess dikjarazzjoni tad-19 ta' Novembru 2011, intlahaq qbil li kellha tiddekorri penali ta' mitt Ewro (€100) kuljum pagabbli mis-socjetà intimata Greentech lis-socjetà rikorrenti, b'effett mill-20 ta' Dicembru 2011 sad-data tal-effettiv pagament tal-bilanc shih tas-somma msemmija fil-paragrafu precedenti.

Mid-19 ta' Novembru 2011 sal-lum, ma thallas xejn mill-bilanc rimanenti mis-socjetà intimata Greentech lis-socjetà rikorrenti, u ghalhekk il-bilanc ta' mija u tmintax-il elf Ewro (€118,000), flimkien mal-penali ta' €100 kuljum dekoribbli mill-20 ta' Dicembru 2011 u li ghadha qed tiddekorri, huma dovuti lis-socjetà rikorrenti.

Ftit tal-jiem ilu, malli s-socjetà intimata Greentech indunat bi proceduri gudizzjarji li kienu ser jigu intavolati kontriha, hi dahlet fi ftehim abbuziv u frawdolenti mas-socjetà intimata l-ohra CMP Services Limited, li hi s-socjetà appartenenti lill-*accountant* tas-socjetà Greentech, u dan sabiex il-pagamenti dovuti mid-debituri ta' Greentech senjatament is-socjetà Playmobil Malta Limited, flok jithallsu lil Greentech, jithallsu lis-

socjetà CMP Services Limited, u b'hekk jigu eluzi d-drittijiet tas-socjetà rikorrenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-socjetà intimata Greentech ghandha thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' mija u tmintax-il elf Ewro (€118,000) kif fuq spjegat.

2. Tiddikjara li s-socjetà intimata Greentech Limited ghandha thallas lis-socjetà rikorrenti penali ta' mitt Ewro kuljum dekoribbli mill-20 ta' Dicembru 2011 sad-data tal-effettiv pagament tas-somma ta' €118,000 reklamata fl-ewwel talba.

3. Tiddikjara u tiddeciedi li jezisti ftehim abbuziv u frawdolenti bejn is-socjetajiet intimati li bis-sahha tieghu il-pagamenti dovuti mid-debituri ta' Greentech, senjatament is-socjetà Playmobil Malta Limited, flok jithallsu lil Greentech qed jithallsu lis-socjetà CMP Services Limited u b'hekk jigu eluzi d-drittijiet tas-socjetà rikorrenti u ta' kredituri ohra.

4. Tiddikjara u tiddeciedi li dan il-ftehim hu wiehed li ma jiswiex, u li l-pagamenti kollha ricevuti minn CMP Services Limited bis-sahha ta' dan il-ftehim raggunt ghandhom jitqiesu bhala flejjes ricevuti minn, u appartenenti lil, Greentech Solutions Limited, u ghaldaqstant tordna lis-socjetà intimata CMP sabiex tirrifondi fil-kontijiet bankarji tas-socjetà intimata l-ohra Greentech kull somma hekk ricevuta bis-sahha ta' dan il-ftehim.

5. Tikkundanna lis-socjetà intimata Greentech Solutions Limited thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' mija u tmintax-il elf Ewro (€118,000).

6. Tillikwida l-penali pagabbli mis-socjetà intimata Greentech Solutions Limited lis-socjetà rikorrenti abbazi tad-dikjarazzjoni/ftehim tad-19 ta' Novembru 2011.

7. Tikkundanna lis-socjetà intimata Greentech Solutions Limited thallas lis-socjetà rikorrenti l-penali hekk likwidata, u tordna li tali penali ghandha tibqa' tiddekorri u tithallas sad-data tal-pagament mitlub fl-ewwel talba u l-hames talba.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjetajiet intimati, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta CMP Services Limited li permezz tagħha eċċepiet illi:

In linea preliminari s-socjetà eccipjenti ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjetà eccipjenti huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-kawza odjerna fil-konfront tas-scocjetà eccipjenti hija wahda ghal kollox frivola u vessatorja u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

In fatti s-socjetà eccipjenti qatt ma ddikjarat li l-flus li hija kienet qed tircievi minghand is-socjetà terza Playmobil Malta Limited kienu jappartjenu lilha. Is-socjetà attrici setghet facilment tikkawtela l-pretensjonijiet taghha billi titlob il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra s-socjetà konvenuta l-ohra Greentech Solutions Limited f'liema mandat is-socjetà eccipjenti u dik Playmobil Malta Limited jkunu indikati bhala sekwestratarji.

Subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim in kwistjoni bejn is-socjetà eccipjenti u dik konvenuta l-ohra, huwa wiehed legali u validu ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi, u assolutament bl-ebda mod ma huwa wiehed frawdolenti u dana kif ser jigi ahjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunke kaz ir-raba' talba attrici hija insostenibbli ghaliex il-flus li s-socjetà eccipjenti rceviet minghand is-socjetà Playmobil Malta Limited dejjem irceviethom ghan-nom tas-socjetà konvenuta l-ohra Greentech Solutions Limited, u dawn intefqu a beneficcju tal-istess socjetà konvenuta Greentech Solutions Limited u dana kif ser ukoll jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta CMP Services Limited fejn gie kkonfermat illi:

Is-socjetà esponenti hija socjetà registrata appositament biex tirrendi servizzi professjonali ta' accountancy. L-iskop primarju tas-socjetà esponenti skond l-istess *Memorandum* taghha huwa: *To provide accountancy, management and consultancy services and the business of the company shall consist principally of this activity*.

Paul Camilleri li huwa l-uniku direttur u azzjonista tas-socjetà esponenti, huwa fil-fatt l-*accountant* u konsulent tas-socjetà konvenuta l-ohra Greentech Solutions Limited.

Fost is-servizzi professjonali resi lis-socjetà Greentech Solutions Limited, is-socjetà esponenti tiehu hsieb tipprepara l-*payroll* tal-haddiema u thallas lill-istess haddiema b'*cheque* ghan-nom tas-socjetà konvenuta Greentech Solutions Limited.

Fl-ahhar tas-sena l-ohra, s-socjetajiet konvenuti ftehmu biex, ghal konvenjenza tal-operat u biex is-socjetà esponenti tkun certa li hemm bizzejjed fondi biex ikopru c-*cheques* tal-*payroll* tal-istess haddiema, li tkun is-socjetà esponenti li tircievi l-flejjes li jkunu dovuti kull xahar mis-socjetà terza Playmobil Malta Limited, li hija wahda mill-klijenti ta' Greentech Solutions Limited, ghal xoghol mahdum u kkonsenjat lill-Playmobil Malta Limited mis-socjetà konvenuta Greentech Solutions Limited.

Effettivament is-socjetà esponenti ilha thallas direttament lill-haddiema tas-socjetà konvenuta Greentech Solutions Limited

mill-pagamenti li kienet tircievi, ghan-nom tal-istess socjetà konvenuta l-ohra, minghand is-socjetà Playmobil Malta Limited sa minn Jannar ta' din is-sena, u cioè xhur qabel ma beda d-dizgwid bejn is-socjetà konvenuta Greentech Solutions Limited u dik attrici.

Id-direttur tas-socjetà attrici Godfrey Gauci, huwa ben konxju ta' dan ghaliex, sahanistra, l-ahhar pagament ta' mitt elf Ewro (€100,000) li sar minn Greentech Solutions Limited lis-socjetà attrici, sar permezz ta' *bank draft* li sar proprju fuq struzzjonijiet ta' Paul Camilleri.

Huwa assolutament mhux minnu li s-socjetà esponenti b'xi mod jew iehor dahlet fi ftehim abbuziv u frawdolenti mas-socjetà konvenuta l-ohra Greentech Solutions Limited, sabiex xi pagamenti dovuti mid-debituri tas-socjetà konvenuta Greentech Solutions Limited, huma min huma, flok jithallsu lil Greentech Solutions Limited jithallsu lis-socjetà esponenti biex jigu eluzi d-drittijiet tas-socjetà attrici.  Dawn l-allegazzjonijiet tas-socjetà attrici huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt.

Huma proprju dawn l-allegazzjonijiet tas-socjetà attrici li huma abbuzivi u rresponsabbli u qeghdin jirrekaw danni kemm lis-socjetà esponenti kif ukoll lil Paul Camilleri personalment, li minn issa stess qed jirriservaw id-dritt li jintavolaw il-proceduri gudizzjarji opportuni sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom.

Se mai, is-socjetà attrici dejjem kellha d-dritt li tikkawtela l-pretensjonijiet taghha billi titlob il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju f'idejn is-socjetà konvenuta CMP Services Limited, procedura hafna aktar effettiva f'kaz bhal dan.  Ghalhekk fil-kaz odjern huwa evidenti li l-proceduri mehuda kontra s-socjetà esponenti huma ghal kollox frivoli u vessatorji u jista' jkun li hemm xi hadd da parti tas-socjetà attrici li ghogbu japprofitta ruhhu u jaghmel dawn l-allegazzjonijiet kompletament infondati fil-konfront tas-socjetà esponenti halli jaghmel il-hsara.

Ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjetà esponenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta konvenuta Greentech Solutions Limited li permezz tagħha eċċepiet illi:

It-talbiet attrici fil-konfront tas-socjetà eccipjenti huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-kawza odjerna hija wahda intempestiva stante li s-socjetà attrici ghadha ma wettqitx l-obbligi taghha sabiex hija tkun tista' tippretendi xi ammont minghand is-socjetà eccipjenti.

Subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-tieni talba attrici hija legalment insostenibbli ai termini tal-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, b'mod partikolari ghall-eccezzjoni precedenti, t-tieni talba hija wkoll insostenibbli legalment stante li dan jirrapprezenta effettivament imghax b'rata oghla minn dak permess mill-ligi.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-tielet talba attrici hija wahda assolutament insostenibbli stante li l-ftehim in kwistjoni huwa wiehed validu u minghajr ebda intenzjoni ta' frodi, u dana kif sejjer ahjar jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u b'mod partikolari tal-eccezzjoni precedenti, fi kwalunkwe kaz ir-raba' talba attrici hija wkoll insostenibbli ghaliex il-flus li s-socjetà konvenuta l-ohra CMP Services Limited irceviet minghand is-socjetà Playmobil Malta Limited, dawn dejjem irceviethom ghan-nom tas-socjetà eccipjenti, u effettivament dawn intefqu a beneficcju tal-istess socjetà eccipjenti Greentech Solutions Limited u dana kif ser ukoll jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, in vista ta' dak kollu digà sueccepit, il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fi kwalsiasi kaz, il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet attrici ghandha fi kwalsiasi kaz tbati l-ispejjez taghhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u b'riserva ghal kull azzjoni, inkluza dik ghad-danni, spettanti lis-socjetà eccipjenti kontra s-socjetà attrici minhabba l-inadempjenzi tal-istess socjetà attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta Greentech Solutions Limited fejn gie kkonfermat illi:

L-azzjoni odjerna hija wahda intempestiva stante li s-socjetà attrici ghadha ma wettqitx l-obbligi kollha minni assunti fil-konfront tas-socjetà esponenti u ghalhekk ma tistax tesigi l-hlas.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz il-penali indikata mis-socjetà attrici fir-rikors guramentat taghha mhux dovuta u din semmai tirrapprezenta mghax b'rata oghla minn dik ta' tmienja fil-mija (8%).

Mhux minnu li sar xi ftehim mas-socjetà konvenuta l-ohra CMP Services Limited sabiex jigu eluzi d-drittijiet tas-socjetà attrici. Fl-ahhar tas-sena l-ohra, is-socjetajiet konvenuti kienu ftehmu biex ghal konvenjenza tal-operat ikun hemm certezza li hemm bizzejjed fondi biex ikopru c-*cheques* tal-*payroll* tal-haddiema tas-socjetà esponenti, li ghalhekk tkun is-socjetà konvenuta CMP Services Limited li tircievi l-flejjes li jkunu dovuti kull xahar mis-socjetà Playmobil Malta Limited (li hija wahda mill-klijenti tas-socjetà Greentech Solutions Limited) lill-istess socjetà esponenti, ghal xoghol mahdum u kkonsenjat lill-Playmobil Malta Limited appuntu mis-socjetà esponenti.

Effettivament il-haddiema tas-socjetà esponenti, ilhom jithallsu direttament mis-socjetà CMP Services Limited mill-pagamenti li din kienet tircievi minghand is-socjetà Playmobil Malta Limited ghan-nom tal-istess socjetà konvenuta, sa minn Jannar ta' din is-sena, u cioè xhur qabel ma beda d-dizgwid bejn is-socjetà esponenti u dik attrici.

Id-direttur tas-socjetà attrici Godfrey Gauci, huwa ben konxju ta' dan ghaliex, sahansitra, l-ahhar pagament ta' mitt elf Ewro (€100,000) li sar mis-socjetà esponenti lis-socjetà attrici, sar permezz ta' *bank draft* li sar proprju fuq struzzjonijiet ta' Paul Camilleri u cioè d-direttur ta' CMP Services Limited.

Huwa assolutament mhux minnu li s-socjetà esponenti b'xi mod jew iehor dahlet fi ftehim abbuziv u frawdolenti mas-socjetà konvenuta l-ohra CMP Services Limited, sabiex xi pagamenti dovuti mid-debituri tas-socjetà esponenti, huma min huma, flok jithallsu lilha, jithallsu lis-socjetà CMP Services Limited biex jigu eluzi d-drittijiet tas-socjetà attrici. Dawn l-allegazzjonijiet tas-socjetà attrici huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjetà esponenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ta' Mobilja Gauci Limited u ta' CMP Services Limited.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-ħlas ta' bilanċ fuq skrittura privata u penali. Is-soċjetà attriċi qiegħda wkoll tattakka ftehim bejn is-soċjetajiet konvenuti a tenur tal-artikolu 1144 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex tgħid li dan sar bi ħsara tal-jeddijiet tagħha.

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjeta attriċi hija l-inkwilina tal-fabbrika KW10, Qasam Industrijali, Kordin, li hija tikri mingħand Malta Industrial Parks Limited. L-attriċi kienet daħlet fi ftehim mas-soċjetà konvenuta Greentech Solutions Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa 'Greentech') fis-sens illi ż-żewġ kumpanniji jidħlu bi sħab fin-negozju ta' manifattura ta' oġġetti tal-plastik. Madanakollu, eventwalment il-partijiet qablu li minflok, Greentech tħallas is-somma ta' Lm110,000, illum

€256,231.07, lill-attriċi bħala rigal u din tal-aħħar iċedi l-kirja tal-fabbrika favur Greentech bil-kunsens ta' Malta Industrial Parks.

Permezz ta' ittra datata 14 ta' Settembru 2010, Malta Enterprise bagħtet tinforma lil Greentech li kienet lesta li tallokalha l-fabbrika in kwistjoni taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li (i) Greentech tikseb bil-miktub ir-rinunzja tal-kirja da parti tal-attriċi; (ii) Greentech tikseb ir-rinunzja tal-kawża li l-attriċi kellha kontra Malta Industrial Parks; (iii) l-attriċi tivvaka mill-fabbrika u; (iv) l-attriċi tħallas kumpens għall-okkupazzjoni tal-fabbrika lil Malta Industrial Parks.

Fid-19 ta' Novembru 2011, Ronald Bonello għan-nom ta' Greentech iffirma skrittura fejn filwaqt illi ddikjara li dakinhar ħallas lill-attriċi s-somma ta' €100,000 akkont tal-prezz finali miftiehem għaċ-ċessjoni tal-kirja tal-fabbrika f'Ħal Far, iddikjara wkoll li l-bilanċ rimanenti kien ta' €118,000 li kellhom jitħallsu sa mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn dakinhar u li fin-nuqqas, Greentech tħallas penali ta' €100 kuljum mill-20 ta' Diċembru 2011 sakemm isir il-ħlas finali. Sa dakinhar, Greentech kienet diġà ħallset is-somma ta' €25,000 kif ukoll kont tad-dawl u ilma pendenti fuq il-fabbrika li tnaqqas mill-bilanċ dovut.

Dakinhar tal-iskrittura tad-19 ta' Novembru 2011, Greentech kienet diġà qiegħda topera mill-fabbrika in kwistjoni u dan sabiex ma titlifx kuntratt tajjeb li ottjeniet mingħand is-soċjetà Playmobil Malta Limited. Jidher li Greentech baqgħet topera mill-fabbrika sakemm l-awtoritajiet qatgħu l-provvista ta' dawl u ilma fuq talba tal-attriċi wara li Greentech tellgħet kont li jlaħħaq mal-mijiet ta' eluf ta' Ewro. Iċ-ċwievet tal-fabbrika għadhom sal-ġurnata tal-lum f'idejn Greentech.

Peress illi Greentech kellha problemi finanzjarji, ftit qabel ma ġiet intavolata din il-kawża hija daħlet fi ftehim mas-soċjetà konvenuta l-oħra CMP Services Limited (minn issa 'l quddiem imsejjħa CMP) fis-sens illi l-pagamenti dovuti mingħand Playmobil Malta Limited lil Greentech jitħallsu lil CMP u din tal-aħħar tuża dawn il-flus biex tħallas lill-kredituri ta' Greentech, inkluż il-pagi lill-impjegati, għan-nom ta' Greentech.

Paul Sultana għan-nom ta’ Playmobil Malta Limited jispjega li s-soċjetà li huwa jirrappreżenta kienet ġiet mitluba sabiex il-pagamenti dovuti lil Greentech minflok tgħaddihom lil CMP. Dwar kemm tħallsu flus taħt dan l-arranġament huwa spjega li bejn Frar u Lulju tal-2012 b’kollox CMP tħallset €213,000 mill-flus dovuti lil Greentech iżda jidher li l-arranġament waqaf hemm.

Paul Camilleri għal CMP ippreżenta rendikont tal-pagamenti kollha li għamlet is-soċjetà li huwa jirrappreżenta għan-nom ta’ Greentech. Minn dan ir-rendikont jirriżulta li l-ammont komplessiv li ħallset CMP għan-nom ta’ Greentech huwa ferm aktar mis-somma komplessiva li rċeviet CMP mingħand Playmobil Malta Limited. Skont l-istess Paul Camilleri, wara li saru dawn il-pagamenti ma kienx għad baqa’ flus ta’ Greentech fil-pussess ta’ CMP. Ix-xhud iżid jgħid illi dan il-ftehim kellu jsir sabiex il-ħlasijiet li tirċievi Greentech mingħand il-kredituri tagħha ma jinqabdux mill-bank u dan l-arranġament kellu l-kunsens tal-bank.

In linea preliminari, CMP teċċepixxi li hija m’għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi. Fil-fehma tal-Qorti din l-eċċezzjoni mhijiex tajba. Huwa veru li hija biss Greentech li tista’ tiġi kundannata għall-ħlas ta’ bilanċ u penali, iżda sa fejn l-attriċi qiegħda tattakka ftehim li sar bejn iż-żewġ konvenuti u titlob il-Qorti tordna lis-soċjetà eċċepjenti tirritorna l-flus li allegatament għandha fil-pussess tagħha u li huma ta’ Greentech, ma jistax jingħad li CMP mhijiex il-leġittimu kontradittur tal-attriċi. Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.

CMP teċċepixxi wkoll li din il-kawża hija waħda frivola u vessatorja fil-konfront tagħha. Din l-eċċezzjoni sejra wkoll tiġi miċħuda għaliex il-konvenuta ma ġabet l-ebda prova ta’ dan.

Fil-mertu, u dwar il-ħlas ta’ bilanċ mitlub mill-attriċi, Greentech teċċepixxi biss li l-kawża odjerna hija intempestiva stante li kienet is-soċjetà attriċi li ma wettqitx l-obbligi tagħha. B’din l-eċċezzjoni Greentech qiegħda tfisser li l-ftehim bejn il-partijiet kien illi l-bilanċ dovut kellu jitħallas minn Greentech wara li l-attriċi ċċedi l-kirja tal-fabbrika favur tagħha.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-verżjoni ta' Greentech la hija kredibbli u lanqas hija verosimili. L-iskrittura li ffirma Ronald Bonello tgħid ċar u tond li l-bilanċ tal-prezz miftiehem għaċ-ċessjoni tal-kirja kellu jitħallas fi żmien erba' ġimgħat. Minn imkien ma jirriżulta li dan il-pagament kien jiddependi fuq xi azzjoni li kellha tieħu l-attriċi, bħal per eżempju tirregola ruħha ma sid il-fabbrika. Il-prinċipji kardinali jibqgħu *pacta sunt servanda* u *contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non feritur*.

Mill-provi rriżulta li Greentech kienet diġà qiegħda topera mill-fabbrika u l-Qorti hija disposta temmen il-verżjoni ta' Godfrey Gauci għan-nom tal-attriċi li huwa kien ippermetta li l-fabbrika tgħaddi għand Greentech nonostante li ma kienx tħallas is-somma kollha miftiehma biex Greentech ma titlifx il-kuntratt ma Playmobil Malta u b'hekk ikollha minn fejn tħallas. Huwa inverosimili li l-attriċi kienet ser tippermetti lil Greentech tidħol fil-fabbrika jekk mhux għal din ir-raġuni.

Jidher ċar li Greentech riedet tidħol fil-fabbrika biex ma titlifx ix-xogħol bit-tama li tkun f'posizzjoni li tħallas id-djun li kellha, iżda kien kollu għalxejn u baqgħet ma ħallsitx bl-iskuża li kienet l-attriċi li naqset milli tirregola l-posizzjoni tal-partijiet ma Malta Industrial Parks. Jekk Greentech għażlet li tinvesti fil-fabbrika u tidħol fiha minn wara dar is-sid, għal dan l-aġir trid twieġeb hi u ċertament ma tistax taħrab mill-obbligi minnha assunti. Ronald Bonello jipprova jagħti l-impressjoni li ġie mġiegħel jiffirma l-iskrittura tad-19 ta' Novembru 2011 iżda dwar dan ma ressaq l-ebda prova u lanqas ma ħa xi azzjoni sabiex jipprova jattakka din l-iskrittura.

Greentech tipprova tfiehem li hija ma setgħetx tlaħħaq mad-djun tagħha minħabba l-aġir tal-attriċi. Dan l-argument huwa meqjus mingħajr bażi għaliex kien Ronald Bonello stess li ammetta li Greentech baqgħet ma ħallsitx il-kont li kellha pendenti ta' dawl u ilma fuq il-fabbrika, liema kont kien ilaħħaq mal-mijiet ta' eluf, qabel ma nqatgħet il-provvista fuq talba tal-attriċi. Isegwi għalhekk illi għall-fatt li l-bank ma riedx isellef aktar flus lil Greentech, għaliex ma kienitx qiegħda taħdem, ma jaħti ħadd ħlief Greentech stess. Għar-raġunijiet premessi, l-ewwel u ħames talbiet attriċi ser jiġu milqugħa.

Dwar it-talba attriċi għal-likwidazzjoni u ħlas ta' penali, Greentech teċċepixxi li din hija legalment insostenibbli a tenur tal-artikolu 1139 tal-Kap. 16 kif ukoll illi l-penali mitluba jirrappreżentaw imgħax b'rata ogħla minn dak permess mil-liġi.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi tiddikjara li qiegħda tirrinunzja għat-tieni, sitt u seba' talbiet, u ċioè dawk li għandhom x'jaqsmu mat-talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' penali, in vista tal-ġurisprudenza prevalenti dwar il-materja. Minkejja li dawn it-talbiet ma ġewx rinunzjati kif trid il-liġi tal-proċedura, ladarba l-attriċi mhijiex ser tinsisti fuqhom, u ladarba hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna li:

> *"Jekk kellu jigi accettat li l-kreditur jista' wkoll jimponi penali ghall-morozita, ikun ifisser li d-divjet li l-kreditur jitlob hlas ta' iktar minn 8% imghax fis-sena (Artikolu 1852 tal-Kodici Civili), facilment jista' jigi evitat billi d-debitur jimponi penali. Fil-fehma tal-qorti l-kreditur ma jistax jippretendi fl-istess hin imghax bl-oghla rata li tippermetti l-ligi u penali. Skond l-Artikolu 1120 tal-Kodici Civili: "Il-penali hija l-kumpens tal-hsara li jbati l-kreditur minhabba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni principali". Imbaghad fejn l-obbligazzjoni hi l-hlas ta' somma determinata, "id-danni li jigu mid-dewmien tal-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena" (Artikolu 1139 tal-Kodici Civili)."*[1]

Dak kontemplat fl-iskrittura mhuwiex legalment korrett u t-talbiet attriċi għall-likwidazzjoni u ħlas ta' penali ser jiġu miċħuda, b'dan illi l-imgħax fuq is-somma dovuta għandu jibda jiddekorri mill-20 ta' Diċembru 2011 a tenur tal-artikolu 1141(1) tal-Kap. 16.

Jibqa' t-tielet u raba' talbiet attriċi li huma bbażati fuq l-artikolu 1144 tal-Kap. 16 li jitkellem dwar l-*actio pauliana*. Id-disposizzjonijiet rilevanti jaqraw hekk:

---

[1] **Elvin Magri vs Raymond Falzon et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-24 ta' Frar 2016.

*"(1) Kull kreditur jista' wkoll, f'ismu, jattakka l-atti magħmula b'qerq mid-debitur bi ħsara tal-jeddijiet tiegħu, bla preġudizzju tal-jedd tal-konvenut għall-eċċezzjoni tal-benefiċċju tal-eskussjoni, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 795 sat-801 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(2) Jekk dawn l-atti jkunu b'titolu oneruż, il-kreditur għandu jipprova li kien hemm qerq min-naħa taż-żewġ partijiet fil-kuntratt.*

*(3) Jekk dawn l-atti jkunu b' titolu gratuwitu, biżżejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naħa tad-debitur."*

In linea ta' prinċipju ġenerali, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Rita Caruana et vs Giovanna Attard et tas-7 ta' Jannar 2009:

*"Illi z-zewg elementi necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni pawljana huma l-"eventus damni" u l-"consilium fraudis".*

*L-ewwel element, dak tal-eventus damni, jigi sodisfatt bil-prova li, b'rizultat ta' l-att li qed jigi mpunjat, id-debitur jkun sofra diminuzzjoni fil-patrimonju tieghu li tkun ta' pregudizzju ghad-drittiijiet tal-kreditur, liema att jkun rrenda lill-istess debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli.*

*It-tieni element dak tal-consilium fraudis huwa sodisfatt bil-prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jigu ppregudikati d-drittijiet tal-kreditur. Mhux rikjesta l-prova tal-animus nocendi. Fil-kawza Bugeja vs Terribile deciza mill P.A. fis- 7 ta' Jannar 1936 Vol XXIX.II.866 gie deciz li: "L-element tal-consilium fraudis jikkonsisti fix- xjenza illi bl-att tkun qeghda tigi determinata l-insolvenza jew imnaqqsa s-solvibilita' tad- debitur, u ma jirrikjedix l intenzjoni li jigi defrawdat il- kreditur". Il- konsapevolezza da parti tad-debitur li l-att tieghu ser jikkaguna hsara fid-drittijiet tal-kreditur tieghu, taghti lok ghal presunzjoni ta' l-intenzjoni frawdolenti "ghax min ikun jaf bl-effett ta' xi att, u b'dankollu jrid jaghmel dak l-att, allura jsegwi li hu*

*jrid wkoll dak l-effett". (Vella Brigitte vs Vella Richard et App. Civ. Deciza 27 ta' Frar 2003).*

*Illi kif gie ripetutament ribadit minn dawn il-Qrati fosthom Emmanuel Calleja –vs- Carmelo Grima et li "din l- azzjoni hija moghtija lill-kredituri f'isimhom biex jattakkaw l-attijiet maghmula b'qerq mid-debituri taghhom bi hsara ghad-drittijiet taghhom. Hija akkordata biss lill-kredituri, u biex wiehed ikun kreditur, jehtieg li jkollu kreditu."*"

L-attriċi qiegħda tikkontesta l-ftehim li għamlet Greentech ma CMP sabiex il-ħlas dovut lil Greentech mingħand Playmobil Malta jgħaddi minflok għand CMP. Mill-provi rriżulta li CMP użat dawn il-flus a benefiċċju ta' Greentech billi tħallsu numru ta' kredituri oħra ta' Greentech, inkluż impjegati. Skont CMP, l-iskop wara dan l-arranġament kien sabiex dawn il-flus ma jinqabdux mill-bank.

Fil-fehma tal-Qorti, it-talbiet attriċi sa fejn għandhom x'jaqsmu ma dan il-ftehim ma jistgħux jirnexxu. Godfrey Gauci stess fl-affidavit tiegħu jispjega kif wara li sar mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra Greentech notifikat lil Playmobil Malta Limited bħala sekwestratarja, Playmobil Malta Limited iddepożitat taħt l-awtorità tal-Qorti s-somma ta' €118,000. Ladarba l-kreditu tal-attriċi jista' jiġi sodisfatt, jonqos l-element tal-*eventus damni* meħtieġ sabiex tirnexxi l-*actio pauliana*. Fi kwalunkwe każ, ma ġiex muri li għand CMP għad hemm xi flus li jappartjenu lil Greentech u allura ma tista' ssir l-ebda restituzzjoni.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta konvenuta CMP Services Limited:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta Greentech Solutions Limited għandha tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u tmintax-il elf Ewro (€118,000);

2. Tiċħad it-tieni, tielet u raba' talbiet;

3. Tilqa’ l-ħames talba u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Greentech Solutions Limited tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta’ mija u tmintax-il elf Ewro (€118,000) bl-imgħax mill-20 ta’ Diċembru 2011;

4. Tiċħad is-sitt u seba’ talbiet.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal kwart mill-attriċi u tlett kwarti mis-soċjetà konvenuta Greentech Solutions Limited.

IMHALLEF

DEP/REG